MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 24 ta' Jannar, 2018

Rikors ta' Revoka Numru 918/17LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 1288/2017 fl-ismijiet u Ċedola Numru 1585/17:

**Rev. Patri Joseph Sciberras OSA (K.I. 305375M) għan-nom u in rappreżentanza tal-komunità Agostinjana tal-Kunvent San Mark, Rabat, Malta**

***vs.***

**Edward Micallef (K.I. 508268M), Marianne Melendez (K.I. 522570M), Carmel Micallef (K.I. 311777M), Catherine Micallef (K.I. 411579M) u Clive Micallef (K.I. 264385M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru, 2017 mir-rikorrenta **Catherine Micallef** (K.I. 411579M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenta sekwestrata"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi is-sekwestant Rev. Patri Joseph Sciberras noe ntavola dan il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fil-konfront tal-esponenti Catherine Micallef u oħrajn għall-ispejjeż inkorsi mis-sekwestrant fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq indikati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Rik. Nru. 19/08MV).*

2. *Illi tali proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ġew intavolati fil-15 ta' Lulju, 2008 u l-istess proċeduri ġew deċiżi nhar il-15 ta' Lulju, 2016 fejn fir-rigward tal-istess sentenza "Għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qed jilqa' it-talbiet tar-rikorrenta. Għall-fini ta' żgumbrament jipprefiġġi terminu ta' żmien tletin (30) jum mil-lum. Spejjeż a karigu tal-intimati."*

3. *Illi l-konvenuti fil-kawża suriferita kienu "Edward Micallef (K.I. 508268M), Marianne Melendez (K.I. 522570M), Carmel Micallef (K.I. 311777M), Catherine Micallef (K.I. 411579M) (enfażi miżjud), Clive Micallef (K.I. 264385M), Beverly Micallef (K.I. 337988M) ilkoll ulied u werrieta tal-mejjet Paul Micallef, u Catherine Micallef (K.I. 653150M) mart il-mejjet Paul Micallef għal kull interess li jista' jkollha" u għalhekk mill-okkju jirriżulta biċ-ċar li l-esponenti kienet qed tidher bħala werrieta ta' Paul Micallef.*

4. *Illi l-esponenti kienet intavolat Nota għar-rinunzja tal-wirt ta' Paul Micallef u għalhekk hija ma tistax titqies bħala werrieta ta' Paul Micallef wisq inqas tkun parti fil-kawża. (Kopja tan-Nota tar-Rinunzja Dok. Z[1]).*

5. *Illi l-esponenti Catherine Micallef qatt ma (sic) a konoxxenza tal-kawża suriferita u ġiet a konoxxenza tad-deċiżjoni finali in segwitu għall-Mandat odjern li ġie notifikat lill-banek u b'hekk il-kontijiet bankarji tal-esponenti ġew iffriżati u hija qed issofri preġudizzju minħabba tali azzjoni.*

6. *Illi jirriżulta li Catherine Micallef (K.I. 653150M) ġiet notifikata filwaqt li Catherine Micallef l-esponenti (K.I. 411579M) li toqgħod il-Qawra qatt ma ġiet notifikata u saret il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni iżda l-esponenti qatt ma kienet infurmata bil-kawża u ma kellha l-ebda ħjiel tagħha anki peress li hija ma għadhiex f'relazzjoni tajba mal-familja tagħha li ma nfurmawhiex bil-proċeduri (kopja tan-notifiki tal-kawża annessa u mmarkata bħala Dok. A[2]).*

7. *Illi jirriżulta li permezz ta' Ċedola ta' Depożitu Numru 1585/17 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. B[3]) ġew depożitati €1,272.23 mill-BOV p.l.c. minn liema*

---

[1] *A fol.* 3 u 4. Din in-Nota hija datata 13 ta' Mejju, 2008 u hija annessa bħala Dok. A u mhux bħala Dok. Z.

[2] *A fol.* 5 sa 9 li huma mmarkati bħala Dok. B u mhux bħala Dok. A. Id-dokumenti sussegwenti huma wkoll immarkati bħala Dok. B.

[3] *A fol.* 10 mmarkata bħala Dok. B u *fol.* 11 immarkata bħala Dok. C.

*somma jirriżulta li €456.79 huma tal-esponenti (dokument tal-bank li jihdru li ttieħdu €456.79 mill-kont bankarju tal-esponenti).*

*Għal dawn il-motivi l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i) tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru odjern fil-konfront tal-esponenti Catherine Micallef (K.I. 411579M) u b'hekk ma jkollux effett fir-rigward tal-esponenti; u*

*ii) konsegwentement tordna sabiex tiġi rilaxxata s-somma ta' €456.79 depożitati taħt l-Awtorità tal-Qorti permezz ta' Ċedola ta' Depożitu 1585/17 fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili a favur tal-istess Catherine Micallef*

*u dana dejjem salv kull ordni jew provvediment ieħor li dina l-istess Qorti jidhrilha iktar xieraq u opportun.*

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2017, fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien ħamest (5) ijiem għar-risposta.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Reverendu Patri Joseph Sciberras OSA** (minn issa 'l quddiem "l-intimat sekwestrant") li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Ottubru, 2017, fejn jintqal:

1. *Illi l-esponenti qiegħed jintavola din ir-risposta in segwitu għar-rikors ta' Catherine Micallef, waħda mis-sekwestrati, fl-atti ta' dan il-mandat;*

2. *Illi l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv ġie intavolat fil-konfront tal-imsemmija sekwestrata u ħutha qua werrieta ta' missierhom Paul Micallef (u mhux Edward Micallef kif erronjament indikat fir-rikors[4]), wara proċeduri fil-Bord li Jirregola l-Kera, fejn permezz ta' sentenza datata 15 ta' Lulju, 2016, il-Bord ordna l-iżgumbrament mill-proprjetà fi żmien 30 jum, bi spejjeż a karigu tal-intimati, kopja ta' din id-deċiżjoni qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A[5];*

[4] Sussegwentement korrett b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2017.
[5] *A fol.* 17 sa 21.

3. *Illi wara li ngħatat din is-sentenza, l-esponenti bagħat żewġ ittri lis-sekwestrati, datati 20 ta' April, 2017, u 22 ta' Mejju, 2017 (Dok. B u Dok. C[6]), fejn interpellahom iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji, iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

4. *Illi stante din l-inadempjenza l-esponenti ma kienx fadallu triq oħra għajr dik li jipproċedi legalment u għaldaqstant intavola dan il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv;*

5. *Illi s-sekwestratata Catherine Micallef, fir-rikors tagħha qegħda tilmenta mis-segwenti u ċjoè:*

   a. *Kienet intavolat nota ta' rinunzja tal-wirt u għalhekk hija ma tistax titqies bħala l-werrieta ta' missierha, u*

   b. *Qatt ma ġiet notifikata personalment bil-kawża però saret il-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni;*

6. *Illi l-fatt li s-sekwestrata, mar-rikors tagħha annettiet kopja tar-rinunzja tal-wirt ta' missierha ppreżentata fil-Qorti Ċivili – Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (248/2008) markata bħala Dok. Z, ma hu ta' ebda soljev. Kopja ta' din ir-rinunzja ma ġietx ippreżentata fl-atti tal-kawża u għalhekk ma gietx a konoxxenza tal-Bord. Il-Bord ra n-nota ta' rinunzja ta' Catherine Micalled (l-omm) (K.I. 653150M) u ta' waħda minn ħutha Beverly Micallef (K.I. 337988M) (a fol. 9 tal-proċess) u l-Bord <u>ddikjara li dawn it-tnejn biss mhumiex il-leġittimi kontradittluri f'dawk il-proċeduri</u>.*

7. *Illi di più ma huwiex korrett l-argument tas-sekwestrata li hija ma ġietx notifikata bil-kawża, għaliex għalkemm ma ġietx notifikata personalment, stante li meta l-marixxall mar iħabbat il-bieb tar-residenza tagħha ma fetaħ ħadd, in-notifika saret bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, <u>li skont il-liġi hija notifika valida</u>.*

8. *Illi jiġi rilevat finalment illi s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera ma ġietx appellata mir-rikorrenta u għalhekk tagħmel stat fil-konfront tagħha.*

9. *Illi in vista tal-premess it-talbiet tar-rikorrenta għandhom jiġu miċħuda.*

[6] Rispettivament *a fol.* 22 u 23, l-ewwel ittra indirizzata lil Carmel Micallef u t-tieni ittra indirizzata lil Catherine Micallef, l-omm mhux ir-rikorrenta odjerna.

Rat l-atti kollha tar-Rikors, inkluż l-atti kollha tal-kawża Rikors Numru 19/2008 (Bord li Jirregola l-Kera), liema atti ġew allegati mal-atti ta' dawn il-proċeduri b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2017.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2017 fejn ir-Rikors tħalla għal-lum għal provvediment.

Ir-rikorrenta sekwestrata ssostni li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 1288/2017 (minn issa 'l quddiem "il-Mandat") għandu jiġi revokat fil-konfront tar-rikorrenta sekwestrata stante li t-titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu ġie maħruġ il-Mandat, u ċjoè s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-15 ta' Lulju, 2016 (Rikors Numru 19/08), m'għandux jiġi infurzat fil-konfront tagħha stante li hija qatt ma kienet ġiet notifikata bl-atti tal-imsemmija proċeduri tant li ġiet a konjizzjoni tagħhom biss meta ġew iffriżati l-kontijiet bankarji tagħha in segwitu għall-ħruġ tal-Mandat. Inoltre r-rikorrenta sekwestrata tikkontendi wkoll illi meta miet missierha Paul Micallef l-intimat fl-imsemmija proċeduri, u l-atti ta' dik il-kawża ġew trasfużi f'isem il-werrieta tiegħu, ir-rikorrenta odjerna ma kellha qatt titqies bħala waħda mill-werrieta tiegħu stante li hija kienet irrinunzjat għall-wirt ta' missierha permezz ta' nota.

Min-naħa tiegħu l-intimat sekwestrant jikkontendi li n-nota ta' rinunzja tar-rikorrenta sekwestrata tal-wirt ta' missierha kellha *semmai* tiġi ppreżentata fl-

atti tal-imsemmija proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn kienu ġew ippreżentati biss in-noti ta' rinunzja tal-imsemmi wirt da parti ta' ommha Catherine Micallef u ta' waħda minn ħutha Beverly Micallef. Barra minn hekk għalkemm inizjalment ir-rikorrenta sekwestrata odjerna ma kinitx ġiet notifikata mill-marixall bl-atti tal-imsemmija proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera għax ma kien fetaħ ħadd fl-indirizz indikat, hija kienet ġiet eventwalment notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni li hija meqjusha bħala notifika valida għall-finijiet u effetti tal-liġi. Fl-aħħar nett l-intimat sekwestrant jgħid ukoll li d-deċiżjoni suċċitata tal-Bord li Jirregola l-Kera ma kinitx ġiet appellata u l-imsemmija sentenza llum tagħmel stat fil-konfront tar-rikorrenta sekwestrata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi t-talba odjerna qiegħda issir abbażi tal-artikolu 281(1) tal-Kap. 12 li jispeċifika li:

> "281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra nteressata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."

Illi l-kliem "għal raġuni valida skont il-liġi" qed jiġi interpretat mir-rikorrenta sekwestrata bħala li jfisser ukoll li permezz ta' dan l-artikolu tista' tiġi

attakkata l-validità ta' sentenza li marret in ġudikat, senjatament id-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-15 ta' Lulju, 2016, għar-raġunijiet li ġejjin:

(i) ir-rikorrenta sekwestrata ma ġietx notifikata bl-atti tal-proċeduri u bis-sentenza tal-Bord, tant li mill-atti tal-kawża quddiem il-Bord jirriżulta li kien hemm biss notifiki negattivi fil-konfront tagħha. Barra minn hekk minkejja li fir-rikors promotur jingħad li n-notifika tal-atti quddiem il-Bord kienet saret bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, kif ġie spjegat mill-avukat difensur tar-rikorrenta sekwestrata, jirriżulta li l-imsemmija notifika bil-proċedura tal-affissjoni ma saritx fil-konfront tar-rikorrenta sekwestrata imma fil-konfront ta' intimat ieħor f'dawk il-proċeduri, u ċjoè Edward Micallef. Illi għar-rigward ta' dan l-aħħar punt kwantu lejn min kienet indirizzata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, din il-Qorti tqis illi evidentement din kienet diretta lejn Edward Micallef, kif jirriżulta mir-riferta *a fol.* 16 *retro* tal-proċess Rik. 19/08 u mill-kopji tal-estratti mill-gazzetti fejn saret il-pubblikazzjoni *a fol.* 18 u 19 tal-imsemmija proċeduri.[7] Tqis għalhekk illi dak li jsostni l-intimat sekwestrant fil-paragrafu 7 tar-Risposta tiegħu, illi r-rikorrenta sekwestrata kienet notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni ma jreġġix u mhuwiex legalment validu stante li għalkemm saret il-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u hija notifika valida fil-konfront ta' Edward Micallef, din il-proċedura ma kinitx saret ukoll fil-konfront tar-rikorrenta sekwestrata odjerna. Tqis iżda li ma jistax jingħad li r-rikorrenta sekwestrata ma kinitx ġiet a konjizzjoni mill-bidu tal-proċeduri quddiem il-Bord u dan minħabba li effettivament

[7] Pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali *The Times* u fil-Gazzetta tal-Gvern.

jirriżulta mill-atti li r-rikorrenta sekwestrata Catherine Micallef bil-Karta tal-Identità 411579M, flimkien ma' ħutha Carmel Micallef, Marianna Micallef (illum Marianna Melendez) u Clive Micallef effettivament kienu ikkontestaw quddiem il-Bord it-talbiet għar-ripussess tad-dar ta' missierhom[8] b'risposta ppreżentata fit-13 ta' Mejju, 2008. Tant li l-unika eredi li ma kkontestatx il-kawża quddiem il-Bord kienet Beverley Micallef flimkien ma' mart id-*decujus,* Catherine Micallef bil-Karta tal-Identità 653150M u dan għax fit-2 ta' Mejju, 2008 kienu rrinunzjaw għall-wirt tad-decujus Paul Micallef[9] u saħansitra kienu ppreżentaw nota fit-30 ta' Mejju 2008 f'dawk il-proċeduri fejn spjegaw dan kollu.[10] Huwa minnu li f'dawn il-proċeduri r-rikorrenta sekwestrata ppreżentat kopja tar-rinunzja da parti tagħha u ta' Maryann Melendez[11] għall-eredità ta' missierha li ġġib l-istess data tar-Risposta, li kienet ġiet ippreżentata f'isimha wkoll, għat-talba għall-iżgumbrament fil-proċeduri quddiem il-Bord, u ċjoè fit-13 ta' Mejju, 2008. Madankollu in vista tal-kontestazzjoni tagħha fil-kawża quddiem il-Bord, hija b'hekk xorta waħda issottomettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Bord, liema deċiżjoni ma ġietx appellata u għalhekk hija *res judicata* u għalhekk tagħmel stat fil-konfront tagħha u għandha titqies bħala titolu eżekuttiv li jista' jiġi eżegwit permezz ta' mandati eżekuttivi anki fil-konfront tar-rikorrenta sekwestrata.

(ii) Ir-rikorrenta sekwestrata tikkontendi wkoll li hija qatt ma tista' tiġi meqjusa bħala werrieta ta' missierha bir-rinunzja li kienet għamlet tal-wirt tiegħu u tiċċita favur it-teżi tagħha d-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph**

[8] Kif jirriżulta *a fol.* 6 tal-proċess Rik. 19/08.
[9] Ara dokument *a fol.* 10 tal-proċess Rik. 19/08.
[10] *A fol* 8 tal-proċess Rik. 19/08.
[11] *A fol.* 4 tal-proċess odjern, liema nota però ma kinitx ġiet ippreżentata fl-atti tar-Rik. 19/08.

**Gauci** ***et vs.*** **Jane Galea** ***et.***[12] Din il-Qorti għad li taqbel ma' din id-deċiżjoni, tqis li l-fattispeċji tal-proċeduri odjerni huma kemxejn differenti u jagħtu lok għalhekk għal interpretazzjoni differenti. F'dik il-kawża s-sentenza finali fl-ismijiet **Jane Galea** ***et vs.*** **Martina Galea**[13] li abbażi tagħha nħareġ il-mandat eżekuttiv, kienet ġiet deċiża kontra l-konvenuta Martina Galea li sussegwentement ġiet nieqsa u fl-2002 kien sar rikors biex l-imsemmija sentenza tiġi eżegwita kontra l-werrieta ta' Martina Galea *ai termini* tal-artikolu 259 tal-Kap. 12.

Illi skont l-artikolu 259 tal-Kap. 12 f'każ li d-debitur jiġi nieqes wara li tkun ingħatat sentenza definitiva kontra tiegħu, il-kreditur jista' jitlob li l-eżekuzzjoni tas-sentenza ssir kontra l-werrieta tad-debitur defunt. Fil-każ preċitat il-Qorti kienet fl-ambitu tal-proċedura *ai termini* tal-artikolu 259 tal-Kap. 12 laqgħet it-talba ta' dawk il-persuni li ma kinux il-werrieta tad-debitur *stante* li kienu rrinunzjaw għall-eredità tiegħu, sabiex is-sentenza ma tiġix eżegwita fil-konfront tagħhom. Fil-każ odjern is-sitwazzjoni hija kemxejn differenti peress li s-sentenza inkwistjoni ngħatat ukoll kontra r-rikorrenta sekwestrata, fost l-oħrajn. Għalhekk fl-ambitu tal-proċeduri ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 ir-rikorrenta sekwestrata qiegħda titlob ir-revoka tal-Mandat fil-konfront tagħha għax issostni li s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera m'għandhiex titqies li hija valida fil-konfront tagħha għar-raġunijiet suesposti.

[12] P.A., 03.04.2003.
[13] Q.A., 14.07.2000.

Illi jibqa' l-fatt però li din il-Qorti hija rinfaċċjata b'deċiżjoni tal-Bord li marret in ġudikat u li ma ġietx revokata fi proċeduri ta' ritrattazzjoni jew ta' natura kostituzzjonali.

Illi fl-ambitu tal-proċedura kkontemplata bl-artikolu 281 tal-Kap. 12, din il-Qorti ċertament m'għandhiex is-setgħa li tirrevoka sentenza definittiva jew tirrendiha ineffettiva billi tirrevoka għalkollox jew f'parti minnu mandat ta' sekwestru eżekuttiv li jkun inħareġ in eżekuzzjoni tal-istess sentenza. Biex jiġi revokat mandat eżekuttiv abbażi tal-artikolu 281 tal-Kap. 12, irid l-ewwel jintwera li s-sentenza li abbażi tagħha inħareġ il-mandat eżekuttiv ġiet effettivament revokata jew għall-inqas parzjalment revokata fil-konfront f'dan il-każ tar-rikorrenta sekwestrata.

Illi ċertament mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li taġixxi ta' qorti ta' reviżjoni fir-rigward ta' sentenzi jew deċiżjonijiet mogħtija minn qrati jew tribunali oħrajn. Għaldaqstant sabiex din il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tirrevoka mandat eżekuttiv ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap. 12, liema mandat huwa konsegwenzjali u aċċessorju għal sentenza definittiva, ir-rikorrenta sekwestrata kellha qabelxejn tirrikorri għall-proċeduri stabbiliti mil-liġi biex tiġi parzjalment revokata s-sentenza inkwistjoni fil-konfront tagħha.

Illi r-raġunijiet kollha miġjuba mir-rikorrenta sekwestrata favur it-teżi tagħha f'dawn il-proċeduri, fil-verità huma r-raġunijiet li *semmai* r-rikorrenta sekwestrata kellha ġġib fi proċeduri appożiti jekk dawn kienu għadhom fi żmien li setgħu isiru, fejn kellha titlob li tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera fil-konfront tagħha. Ir-rikorrenta sekwestrata kellha fi proċeduri appożiti l-ewwel tfittex li tiġi revokata s-sentenza inkwistjoni li ġiet

mogħtija wkoll kontriha u eventwalment titlob ir-revoka tal-Mandat fil-konfront tagħha.

Illi madankollu ma tistax tintuża proċedura kkontemplata mil-liġi sabiex jiġi revokat mandat eżekuttiv "għal raġuni valida fil-liġi" u b'hekk jinġib fix-xejn fil-konfront tar-rikorrenta sekwestrata titolu eżekuttiv, f'dan il-każ sentenza definittiva ta' qorti, li abbażi tagħha jkun inħareġ mandat eżekuttiv, liema sentenza definittiva tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet kollha f'dik il-kawża.

**Decide**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda:**

**1. Tiċħad it-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1288/2017 fil-konfront tar-rikorrenta sekwestrata Catherine Micallef bil-Karta tal-Identità numru 411579M;**

**2. Konsengwentement tiċħad ukoll it-talba għar-rilaxx favur ir-rikorrenta sekwestrata tas-somma ta' €456.79 depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta' Ċedola ta' Depożitu numru 1585/17.**

**L-ispejjeż ta' dan il-proċediment jibqgħu a karigu tar-rikorrenta sekwestrata Catherine Micallef.**

Moqrija.